## Messaġġ mill-Kappillan, Fr Martin Micallef, lill-Komunita' Nisranija tal-Parroċċa ta' Santa Ana, f'Santa Clara – Kuba.

Għażiż Padre Philip, Għeżież membri tal-Parroċċa ta' Santa Ana, f'ismi u f'isem il-grupp li ġejna minn Malta nixtieq l-ewwelnet nirringrazzjakom tal-merħba sabiħa li qegħdin tagħtuna u l-akkoljenza li biha lqajtuna.

Fis-sena 2003, il-predeċessur tiegħi, il-Kappillan Dun Anton Cassar kien beda ġemellaġġ missjunarju bejn il-Parroċċa ta' Sant'Anna f'Malta u Parroċċa tagkom li hija wkoll iddedikata lil Sant'Anna. Jien, bħala l-kappillan il-ġdid ta' din il-parroċċa, komplejt l-impenn li kien inbeda biex jitkompla dan il-ġemellaġġ bejn iż-żewġ parroċċi. Fil-fatt l-akbar ħidma li twettqet din is-sena kienet it-tħejjija biex nagħmlu din iż-żjara fil-parroċċa tagħkom li issa saret realta'.

Proprju sena ilu, meta Fr Philip kien Malta għall-vaganzi, ħadna l-opportunita' biex nibdew nippjanaw din iż-żjara sakemm, fil-bidu ta' din is-sena, ħabbart li ser issir din iż-żjara u stedint lil min jixtieq biex ikun parti mill-grupp li se jiehu sehem f'din l-inizjattiva. Meta Fr Philip reġa' ġie Malta għall-funeral ta' Ommu jien, flimkien ma' dawk li urew interess li jattendu, iltqajna ma' Fr Philip li kellimna fuq is-sabiħ ta' din l-esperjenza li konna se nagħmlu. Fl-aħħar, wara li għażilna ż-żmien li fih konna se nagħmlu din iż-żjara, 13–il persuna, fosthom jien, iddeċidejna li niġu nżurukom.

Forsi tistaqsuna imma għalfejn ġejtu hawn? Xi tfisser għalikom din iż-żjara fostna? Ix-xewqa tagħna hi li, wara li smajna ħafna b'mod speċjali minn Fr Philip dwar il-parroċċa tagħkom, inkunu nistgħu naraw u mmissu b'idejna r-realta' tal-Parroċċa tagħkom filwaqt li jkollna l-opportunita' naqsmu flimkien l-esperjenzi ta' xulxin għall-ġid taż-żewġ parroċċi.

Il-villaġġ tagħna jismu Wied il-Għajn jew Marsaskala. Dan il-post hu villaġġ tas-sajjieda u jinsab fin-naħa ta' isfel tal-gżira ċkejkna ta' Malta. Sat-Tieni Gwerra Dinjija (1940 - 1945) Wied il-Għajn kien villaġġ żgħir ħafna b'popolazzjoni ta' madwar 500 ruħ iżda llum tant kiber li l-popolazzjoni laħqet kważi 10,000 ruħ.

Il-Parroċċa tagħna saret parroċċa fid-19 ta' Marzu 1949 u ġiet iddedikata lil Sant' Anna. Bħala knisja kienet tintuża kappella żgħira iddedikata lil Sant'Anna. Wara bdiet tinbeda l-Knisja kbira li għandna llum li tlestiet fl-1974.

Illum il-Parroċċa tagħna għandha attivita' pastorali kbira bil-għanjuna ta' diversi lajċi impenjati. Fil-fatt fil-parroċċa għandna madwar 300 lajk impenjat. Flimkien, bid-djufijiet kollha tagħna qed nippruvaw nibnu komunita' kif jixtieqha {esu' –komunita' ta' mħabba u għaqda – komunita' li fiha hemm post għal kulħadd. Dan is-sens ta' komunjoni ma nixtiequx li jseħħ biss fuq livell parrokkjali iżda qed nippruvaw inħaddmuh ukoll mal-parroċċi tal-qrib kif ukoll ma' parroċċi lil hinn minn xtutna bħalma qed nagħmlu permezz ta' dan il-ġemellaġġ missjunarju mal-parroċċa tagħkom.

Kemm hi ħaġa sabiħa li minkejja d-distanza kbira li hawn bejn iż-żewġ pajjiżi nistgħu inħossuna daqstant qrib permezz tas-solidarjeta' ta' bejnietna, permezz tat-talb u l-korrispondenza ta' bejnietna u b'mod speċjali permezz tal-patruna taghna Sant'Anna. |gur li din iż-żjara kompliet tqarribna aktar lejn xulxin b'mod li nistgħu inħossuna ħaġa waħda magħkom.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex inwasslilkom l-isbaħ xewqat mimlija mħabba tal-Parruċċani tal-Parroċċa ta' Sant'Anna f'Malta filwaqt li nsellmilkom u nwassal it-tislijiet tagħhom lilkom għalkemm ma' jafukomx personalment.

Nixtieq insellem l-ewwelnett lilkom ġenituri. Sant'Anna, l-omm ta' Marija u n-nanna ta' {esu' Bambin, li rċeviet il-fidi mill-antenati tagħha mhux biss għożżitha u għexitha iżda flimkien ma' żewġha San {wakkin għaddewha lil Marija bla mittiefsa. Għalhekk Sant'Anna u San Gwakkin li aħna niċċelebraw il-festa tagħhom huma mudell ħaj għalikom ta' koppja sempliċi li laqgħu is-sejħa ta' Alla biex bħala ġenituri jgħaddu l-fidi lill-frott ta' l-imħabba tagħhom. Nitlob għalikom biex il-familji tagħkom ikunu l-post fejn isseħħ l-edukazzjoni fil-valuri essenzjali tal-ħajja tal-bniedem, fejn isseħħ l-ewwel esperjenza tal-Knisja, fejn jitrawwem it-talb, u fejn jitkebbes il-fuklar ta' l-imħabba.

Insellem ukoll lit-tfal ċkejknin. It-tfal tal-Parroċċa taghna jafu ħafna bikom u dan is-sajf talbu ħafna għalikom b'mod speċjali waqt il-quddies. Komplu ħobbu lil Gesu' u tgħallmu it-tagħlim tieghu biex issiru tixbhu aktar lilu.

Insellem ukoll liż-żgħażagħ u nkellimkom bil-kliem tal-mibki Papa {wanni Pawlu II. "Kunu l-qaddisin tal-millennju l-ġdid" Tibżgħux tgħixu t-tajjeb, tibżgħux tgħixu l-vanġelu tibżgħux twassluh lill-oħrajn.

Insellem ukoll lill-anzjani u b'mod speċjali li ħutna morda. Għidulhom li sellejt għalihom u li jien u l-parruċċani tiegħi iżommukom fit-talb tagħhom b'mod speċjali permezz tat-talba tar-rużarju u fil-quddiesa. Nittama li jkolllna ċans inżuru xi wħud minnhom.

Nagħlaq billi mill-ġdid nirringrazzjakom li lqajtuna. Grazzi ta' l-iħabba li qed turu magħna u nitolbukom titolbu ħafna għalina wkoll. Jalla Sant'Anna tkompli tressaqna lejn bintha Marija biex hi tressaqna aktar lejn Gesu'.

Fr Martin Micallef